MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 27

11 ta' Novembru 2014

Minuti tas-seduta Nru. 27 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 11 ta' Novembru 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier A. Brincat Stellini li kienet fuq xogħol tal-Kunsill b'rabta mal-parteċipazzjoni tiegħu fil-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb. Hija kkonferma dan permezz ta' imejl datat 5 ta' Novembru 2014. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea ma kinitx preżenti għas-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 26 mingħajr emendi, u għaldaqstant s-Segretarju ġie mitlub jippubblikahom fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Attivita` biex tfakkar Erba' Anniversarji Storiċi li jaħbtu fl-2014 (A/5/3/Vol XIII)

2.1.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 10.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fl-laqgħa li saret mal-għaqdiet mużikali fit-28 ta' Ottubru 2014, irriżulta li s-sehem tal-baned Imperial u La Vittoria ser ikun problema minħabba mpenji oħra li għandhom. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li mhux ser ikun possibbli li jattendi il-Prim Ministru l-Onor. J. Muscat. In vista ta' dawn ir-raġunijiet, huwa propona li l-attivita` ma ssirx.

2.1.3. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku.

### 2.2.1. Proġett - *Act Today for a Better Tomorrow 2* - Vecipielbalga - Latvia (P/10/17)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.10.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-Kunsill ta' Vecipielbalga ser ikopri l-ikel u l-akkomodazzjoni, kif ukoll €270 għall-kull persuna fir-rigward tal-ivjaġġar bl-ajru. Is-Sur J. Buttigieg qal li, kif diġa ġie miftiehem, intbagħtu ittri lill-għadqiet ibbażati fil-lokalita` sabiex jinnominaw żgħażagħ li jixtiequ jieħdu sehem, sa mhux aktar tard mill-20 ta' Novembru 2014.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.3.1. Proġett bi sħab mal-Comune di Clusone fl-Italja (P/10/19)

2.3.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-Comune di Clusone ser ikopri l-ikel u l-akkomodazzjoni għal grupp ta' ħmistax-il persuna, kif ukoll total ta' €2,550 għall-ivjaġġar bl-ajru. Skont kif ġie maqbul, intbagħtu ittri lill-għaqdiet ibbażati fil-lokalita` sabiex jindikaw żgħażagħ fi ħdanhom li jixtiequ jipparteċipaw, sa mhux aktar tard mill-20 ta' Novembru 2014.

2.3.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.4.1. Korsijiet tal-*aerobics* u kompjuter għall-anzjani (E/3/1/11)(E/3/1/9/Vol IV

2.4.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-klassijiet tal-aerobics ta' kors wieħed qed isiru nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa, u l-ieħor it-Tnejn u l-Ħamis. It-tqassim tal-parteċipanti fiż-żewġ klassijiet sar skont il-*fitness* tagħhom.

2.4.3. Huwa aċċenna għall-minuta 2.9.3. u qal li l-kors bażiku fl-użu tal-kompjuter għall-anzjani tal-Mellieha ser jibda fl-ewwel ġimgħa ta' Frar 2015.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Tħejjijiet għall-attivajiet abbinati mal-Milied u l-Ewwel tas-Sena (A/5/3/7)

2.5.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 11.4. tas-seduta ta' qabel u ppropona li l-attivita` għall-anzjani ssir fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja nhar il-Ħadd 21 ta' Diċembru 2014, bejn id-9.30am u l-11.30am. Huwa propona ukoll li jieħdu sehem il-kantanti Benny u Tonia u l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, fost oħrajn.Ġie ssuġġerit li din l-attivita` tkun miftuħa għall-anzjani kollha tal-Mellieħa. Dettalji dwar spejjeż għall-ikel eċċ, kienu għadhom ma ġewx finalizzati.

2.5.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa, filwaqt li dettalji dwar spejjeż għandhom jitressqu fis-seduta li jmiss.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 07/11/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 16/10/14 – 07/11/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rapport Tekniku – Sejħa għall-Offerti 8/2014 – Installazzjoni ta' bieb awtomatiku u xogħlijiet anċillari fid-daħla ewlenija għall-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill – 06/11/14

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Merill (T/3/2/Vol XII)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' Ottubru 2014, mibgħuta mis-Sur N. Pace Debono, fejn ilmenta li qed ikun hemm sewqan b'veloċita żejda fit-triq imsemmija. Huwa għalhekk ippropona li jsiru *speed humps* biex jitrazzan dan l-abbuż.

4.1.3. Il-Kunsill qabel li għandha titqassam ittra lir-residenti kollha ta' Triq il-Merill, fejn jiġu mgħarrfa bit-talba li saret, u kemm-il darba jaqblu li dawn għandhom jsiru, jintalbu jindikaw quddiem liema indirizz jipproponu li jsiru.

### 4.2.1. *Pill Box* fl-Aħrax (A/6/3)

4.2.2. Saret referenza għall-ittra datata 23 ta' Ottubru 2014, mibgħuta mill-Mellieħa Scout Group lir-Reġistratur tal-Artijiet sabiex jieħdu taħt idejhom il-*pill box* li tinsab qrib Triq ir-Ramla tal-Bir. Dan bil-għan li jirrestawrawha u jużawha għall-attivitajiet tagħhom.

4.2.3. Il-Kunsill innota t-talba, filwaqt li osserva illi din kellha tiġi ndirizzata lit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern.

**4.3.1. Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet quddiem Maxima Lido fil-Bajja tal-Għadira (T/4/10/Vol II)**

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 11 ta' Novembru 2014, mibgħut mit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern dwar talba li saret mis-Sinjuri M. Cauchi, F. Vella u M. Caruana dwar is-suġġett t'hawn fuq.

4.3.3. Wara li l-Kunsill ra l-pjanta mgħoddija mit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern, il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni għat-talba sakemm l-imwejjed u siġġijiet jitpoġġew fit-terrazzin tal-istess lido.

**4.4.1. Ħsara fil-proprjeta` fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol XII)**

4.4.2. Is-Segretarju rrefera għal imejl datat 26 ta' Ottubru 2014, mibgħut mis-Sinjura Roberta Holland, fejn ġibdet l-attenzjoni għall-ħsara li qed tiġri fil-gallarija tar-residenza tagħha fi Triq Snajjin kantuniera ma' Triq il-Ħasira.

4.4.3. Il-Kunsill approva t-twaħħil ta' *barrier* fuq il-bankina taħt il-gallarija in kwistjoni.

**4.5.1. *Community Chest Fund* (D/4/Vol IV)**

4.5.2. Saret referenza għal ittra data 22 ta' Ottubru 2014, kif ukoll għal-laqgħa li saret mal-President tal-Malta l-E.T. Marie Louise Coleiro. Fl-istess laqgħa kien sar appell lir-rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali preżenti sabiex jindikaw attivitajiet li fihom jistgħu jinġabru fondi b'riżq il-fond imsemmi.

4.5.3. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li l-ġbir tal-fondi jista' isir minn fost l-istudenti li jattendu l-korsijiet organizzati mill-Kunsill.

4.5.4. Il-Kunsillier D. Vella ssuġġerixxa li jiġi organizzat *tournament* tal-futbol bejn l-għaqdiet tal-Mellieħa.

4.5.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 4.5.4. u talab lill-Viċi Sindku C. Bartolo u l-Kunsillier H. Fenech sabiex jikkordinaw l-attivita`.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 7 ta' Novembru 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn l-24 ta' Settembru u l-20 ta' Ottubru 2014.

6.3. Tressqet ukoll skeda tal-pagament li tkopri bejn is-16 ta' Ottubru u s-7 ta' Novembru 2014.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għaldaqstant kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

**7.1. Proposti dwar is-servizz ta' ġbir tal-iskart riċiklabbli mitluba mingħand entitajiet awtorizzati biex jagħtu dan is-servizz (K/6/11)**

7.2. Is-Sindku aċċenna li l-operaturi taż-żewġ skemi awtorizzati mill-MEPA ġew mitluba, permezz ta' ittra datata 27 ta' Ottubru 2014, sabiex jagħtu l-proposti tagħhom bil-għan li jingħata dan is-servizz, kemm fil-partijiet urbani tal-lokalita`, kif ukoll f'inħawi oħra qrib ix-xtut. Is-sejħa għalqet fis-7 ta' Novembru 2014 fit-3.00pm u l-offerti issiġillati nżammu hekk sabiex jinfetħu waqt is-seduta.

7.3. Is-Segretarju spjega li permezz tal-ittra msemmija, Green MT Ltd u GreenPak Co-Operative Society intalbu jgħatu servizz bażiku li jikkonsisti mis-segwenti:

- Ġbir bieb-bieb kull nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa fiż-żoni urbani tal-Mellieħa u l-Manikata;

- Ġbir ta' skart riċiklabbli mill-Bajja tal-Għadira skont ir-rikwiżiti meħtieġa biex jinżamm il-livell tal-*Blue Flag*;
- Tbattil tal-*bring-in site* fil-*Caravan Site* tal-Għadira u ġbir bieb-bieb kull nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa, bejn Ġunju u Settembru;
- Tbattil tal-*bring-in sites* fiż-żoni tal-*boathouses* bejn Ġunju u Settembru, f'Ramlet il-Qortin, l-Armier iż-Żgħir u fir-Ramla tat-Torri l-Abjad; u
- Tbattil matul is-sena kollha tal-*bring-in sites* li jinsabu fi Triq l-Etna, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (2 settijiet), Triq Qasam Barrani, Dawret it-Tunnara, ix-Xatt ta' Santa Marija, u fil-Manikata.

7.4. Il-proposti infetħu fil-preżenza tas-Sinjuri Joe Attard u Daniel Tabone, rappreżentanti ta' Green MT Ltd u GreenPak Co-Operative Society, rispettivament. Iż-żewġ offerenti ngħataw kopja tas-sottomissjonijiet li saru.

7.5. Is-Sindku ssusspenda s-seduta sabiex ikun jista' jsir intervent mis-Sur J. Attard ta' Green MT Ltd. Is-Sur J. Attard (Green MT Ltd) ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-proposta ta' GreenPak ma kinitx iffirmata u għalhekk mhijiex valida.

7.6. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill iddeċieda illi l-proposti li saru għandhom jiġu evalwati mit-*Tender Adjudication Board* qabel tittieħed deċiżjoni finali dwar l-għażla.

## 8.1. Kundizzjonijiet speċifiċi tal-kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Domestiku Imħallat (K/6/2/Vol IV)

8.2. Is-Segretarju rrefera għat-test rivedut tal-kundizzjonijiet speċifiċi tad-dokument tal-offerta dwar il-ġbir tal-iskart domestiku imħallat. Huwa qal li dan ġie rivedut fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet li saru mit-*Tender Adjudication Board* u l-Kunsill.

8.3. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier E. Bartolo, il-Kunsill qabel fuq l-emendi segwenti:

<table>
<tr><th>Klawsola</th><th>Emenda</th></tr>
<tr><td>15(e) tal-Kundizzjonijiet Ġenerali</td><td>Jitħassru l-kliem: "(to come into effect from 1st January 1996)"</td></tr>
<tr><td>2.1. tal-Kundizzjonijiet Speċifiċi</td><td>In-nota tinbidel minn "The Mellieha Local Council is adopting the 'Single Envelope' procedure, as the Council's estimate of the Contract amounts to €500,000." u minflok jidħlu l-kliem "The Mellieha Local Council is adopting the 'Single Envelope' procedure, as the value of the contract is estimated below €500,000."</td></tr>
<tr><td>2.2. tal-Kundizzjonijiet Speċifiċi</td><td>Kriterju Nru. 2 għandu jispiċċa skont iċ-ċirkulari Nru. 19/2013, maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti fis-16 ta' Diċembru 2013.</td></tr>
<tr><td>Klawsola 2.4. tal-Kundizzjonijiet Speċifiċi</td><td>Billi l-klawsola 2.3, ġiet imneħħija, il-perċentwali tal-punti li jingħataw għall-kriterji skont kif ġew riveduti għandu jkun hekk:
<table>
<tr><td>1.1.Ħaddiema dedikati fuq is-servizz</td><td>Minn 15% titla' għal 20%</td></tr>
<tr><td>1.2.Numru ta' vetturi dedikati fuq is-servizz</td><td>Minn 10% titla' għal 20%</td></tr>
<tr><td>1.3.Data tal-manifattura tal-vetturi wżati</td><td>Tibqa' l-istess – 10%</td></tr>
<tr><td>1.4.Mudell tal-magna tal-vetturi wżati</td><td>Tibqa' l-istess – 25%</td></tr>
<tr><td>3. Numru ta' default notices maħruġa lill-offerenti fl-36 xahar</td><td>Tibqa' l-istess – 25%</td></tr>
</table></td></tr>
</table>

| Klawsola | Emenda |
|---|---|
| Klawsola 3(c) tal-Kundizzjonijiet Speċifiċi | Titħassar billi t-tbattil tal-*litter bins* fit-toroq isir permezz tal-kuntratt dwar it-tindif ta' toroq urbani. |
| Klawsola 16, 25 u oħrajn fejn issir referenza għal *sub-contracting* | Jiħassru bis-saħħa taċ-ċirkulari maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru Nru. 12/2013 datata l-1 ta' Lulju 2013. |
| Annex 3 | L-ismijiet tal-istabbilimenti esklużi mis-servizz għandhom jiġu eliminati u jitħalla t-titlu biss eż: Lukandi, Każini eċċ. Għandu jidħol jiżdied it-titlu "*Wholesalers*" |
| Annex 4 | Jidħlu l-ħinijiet il-ġodda għas-servizz fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier bejn id-9.30am u l-10.30am, bi *scammel* iż-żgħir. |
| Annex 14 | Jitħassar billi t-tbattil tal-*litter bins* fit-toroq isir permezz tal-kuntratt dwar it-tindif ta' toroq urbani. |

8.4. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tintalab proroga tal-kuntratt eżistenti taħt l-istess kundizzjonijiet, filwaqt li s-sejħa ssir f'Jannar 2015, peress li huwa mbassar illi jonqos il-prezz tad-diesel.

## 9.1. Sejħiet għall-Istimi 6/2014 u 7/2014 - Kiri u nstallazzjoni ta' dwal dekorattivi fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier matul il-perjodu tal-festi marbuta mal-Milied 2014 u l-Ewwel tas-Sena 2015 (T/4/15)

9.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħiet imsemmija għalqu fl-4 ta' Novembru 2014 fit-3.00pm u l-offerti issiġillati nżammu hekk sabiex jinfetħu waqt is-seduta

9.3. Irriżulta li kien hemm żewġ offerti minn kuntrattur wieħed, li kkwota kif jidher hawn taħt:

| **Ref:** | **Isem tat-Triq** | **Ammont ikkwotat inkluż 18% VAT** |
|---|---|---|
| | | **Mica Med Ltd** |
| Quote 6/2014 | Triq Ġorġ Borg Olivier | €4,650.00 |
| Quote 7/2014 | Triq il-Kbira (bejn Triq Snajjin u Triq Sant' Anna) | €2,360.00 |

9.4. Il-Kunsill innota li l-offerent diġa għamel dan ix-xogħol f'lokalitajiet oħra. Fid-dawl ta' dan, kif ukoll minħabba li ma kienx hemm offerti oħra, ġie deċiż li għandhom jinħarġu *purchase orders* fuq l-istess kuntrattur.

## 10.1. Sejħa għall-Offerti 8/2014 – Titjib fl-aċċessibilita` fl-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol II)

10.2. Is-Segretarju ressaq rapport tekniku datat 6 ta' Novembru 2014, li sar fuq l-unika offerta li kien hemm, dik ta' Uskin Ltd.

10.3. Wara li l-Kunsill ra r-rapport, qabel li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lid-ditta msemmija.

**11.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:**

***"Billi fis-Seduta Nru. 15 tat-28 ta' Jannar 2014, il-Kunsill irriżolva li jgħaddi t-tmexxija tal-Heritage Trail f'Selmun u l-Imġiebaħ lill-Fondazzjoni ARKEO (VO 0375) għal perjodu ta' sentejn li jiskadu fl-10 ta' Lulju 2016;***

*Billi jeżistu prospetti tajbin li l-istess Fondazzjoni tikseb finanzjament għall-attrezzar tal-binjiet li jiffurmaw parti mill-Heritage Trail, permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, kemm-il darba tkun fdata bit-tmexxija tal-istess beni għal mill-inqas ħames snin;*

*Il-Kunsill jirriżolvi illi l-klawsola 20 (d) tal-ftehim tiġi emendata bil-għan li t-tmexxija tal-Heritage Trail mill-Fondazzjoni ARKEO tiġi estiża bi tliet snin oħra sabiex il-ftehim jiskadi fl-10 ta' Lulju 2019.". (P/10/3/A)*

11.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci. Is-Segretarju ntalab jehmeż ir-riżoluzzjoni mal-ftehim relattiv.

### 12.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

*"Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 1/2011), skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), sabiex jiġi fornut tagħmir relatat ma' dwal madwar il-Knisja fi Triq Dun Manwel Grima u Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata;*

*Billi saret talba mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex il-floodlights eżistenti jiġu devoluti lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bil-għan li t-tagħmir kopert bis-sejħa msemmija jintuża ħalli titjieb id-distribuzzjoni tad-dwal fl-imsemmija toroq u fuq il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata;*

*Billi t-Tender Adjudication Board evalwa iż-żewġ offerti li saru u ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu favur l-għoti tal-kuntratt lill-offerent M. & E. Contractors Ltd, skont il-minuti tal-istess bord tas-6 ta' Ottubru 2014; u*

*Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2014 ġew allokati fondi biżżejjed fil-vot 7504 sabiex ikopru l-provista u l-installazzjoni tat-tagħmir in kwistjoni;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent imsemmi sabiex jiġi fornut u nstallat it-tagħmir skont l-ispeċifikazzjonijiet u r-rati mogħtija fid-dokument tal-offerta.". (P/4/31)*

12.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

### 13.1. *Roundabout* fi Triq it-Tgħam (T/3/2/Vol XII)

13.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ippropona li ssir *roundabout* fejn it-triq imsemmija tinterċetta Triq Ta' Masrija, Triq il-Lellux u Triq l-Għorgħar.

13.3. Is-Segretarju stqarr li huwa ddiskuta din il-proposta fuq il-post ma' uffiċjal minn Transport Malta, li min-naħa tiegħu ppropona li jsiru *parking bays* fil-parti l-wiesgħa bejn Triq l-Għorgħar u Triq Ta' Masrija. Huwa ma qabilx li ssir *roundabout* minħabba li mhux it-toroq kollha jingħaqdu ma' Triq it-Tgħam fl-istess post.

13.4. Il-Kunsill qabel mar-raġunijiet miġjuba fil-minuta 13.3. u ddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet formali ma' Transport Malta fuq l-istess linji.

### 14.1. Kwestjonarju dwar il-Ħajja fil-Mellieħa (K/14)

14.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett f'seduti preċedenti u qal li huwa ġie avviċinat mill-ġdid sabiex issir laqgħa mal-Għaqda Soċjali 8 ta' Settembru li tkun titratta biss dawk l-aspetti tal-kwestjonarju li huma relevanti għall-Kunsill.

14.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-aġenda tal-laqgħa għandha tinkludi l-oqsma li ġejjin:

- Il-ħajja fil-komunita`;
- Servizzi għall-Komunita`; u
- L-Ambjent Soċjali.

14.4. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa ssir fl-20 ta' Novembru 2014 fis-6.30pm.

### 15.1. *Euromed International Sailing Championships* (S/6/Vol IV)

15.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie kkuntattjat mill-Malta Sailing Federation dwar l-14-il edizzjoni tal-*Euromed International Sailing Championships* illi ser isseħħ fl-Għadira, fid-19, 20 u 21 ta' Diċembru 2014 b'parteċipanti ġejjin minn 40 pajjiż differenti. L-organizzaturi appellaw sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment.

15.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-involviment tiegħu f'din il-kompetizzjoni m'għandux jaqbeż €200.

## 16.1. Andament tas-Sistema dwar l-Infurzar Lokali (W/3/Vol XI)

16.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret laqgħa mal-President u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali Tramuntana u l-Uffiċjal Awtorizzat – is-Sinjuri Anton Mifsud, George Abdilla u Raphael Carabott, rispettivament. Attendew għaliha, is-Sindku J. Buttigieg, l-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill C. Debono. Fil-laqgħa li saret fl-10 ta' Novembru 2014 ġew diskussi s-suġġetti segwenti:

- L-infurzar tal-projbizzjoni ta' vetturi kbar li jgħaddu mill-Manikata, liema restrizzjoni ġiet approvata minn Transport Malta. Skont ir-Regolament dwar Vetturi bil-Mutur, ġie stabbilit li vetturi marbuta mat-trasport pubbliku għandhom jiġu esklużi, kif ukoll dawk li jeħtiġilhom jirrendu servizz fil-Manikata stess. Ġie miftiehem ukoll li trakkijiet illi jiffrekwentaw il-barriera fl-inħawi tat-Tomna għandhom jużaw Triq Lewis Wettinger, billi teħel tabella bil-kliem *"Except for Access to Quarry"* fi Triq il-Mellieħa kantuniera ma' Triq l-Lewis Wettinger. Jeħtieġ ukoll li titwaħħal tabella oħra faċċata tal-aċċess għall-barriera li tipprojbixxi sewqan ta' vetturi kbar fid-direzzjoni tal-Manikata, ħlief biex jirrendu servizz f'dan ir-raħal. Kien hemm qbil ukoll li jingħata *grace period* ta' ħmistax-il jum wara li jitwaħħlu t-tabelli u jkun hemm Gwardjani fuq il-post;
- Alternanza tal-ħinijiet li fihom jsiru r-rondi mill-Gwardjani Lokali, li jkunu jinkludu l-ħinijiet ta' filgħodu, wara nofsinhar u b'anqas frekwenza anke tard;
- L-Uffiċjal Awtorizzat talab li jingħata dettalji tal-aktar posijiet sensittivi f'dak li jirrigwarda ksur ta' regolamenti tat-traffiku; u
- Infurzar tal-*bye-laws* fir-rigward tal-ikkampjar mhux awtorizzat.

16.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 17.1. Kustodja tal-Għajn tal-Mellieħa (R/2/3)

17.2. Is-Sindku aċċenna għall-fatt li l-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina wettqet l-ewwel tindif u rijabilitazzjoni tal-post imsemmi permezz ta' xogħol volontarju mill-membri tagħha fl-1994. Kompla jgħid li jidher illi l-interess mill-għaqda f'dan il-post għadu hemm u għalhekk ikun jagħmel sens, li l-kustodja tiegħu tiġi mgħoddija lilha permezz ta' ftehim bil-kitba u jkun jinkludi s-sostenn finanzjarju mill-Kunsill.

17.3. Il-Kunsill qabel mal-ideja u ġie deċiż li għandha ssir laqgħa mal-kumitat tal-għaqda biex din tkompli tiġi żviluppata.

17.4. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-Viċi Sindku C. Bartolo osserva li apparti l-lapidi illi saru, mhemmx tabelli bl-isfond storiku ta' dan il-post.

17.5. Is-Sindku J. Buttigieg qal li dan l-aspett kien qed jiġi trattat mill-perit inkarigat u l-kuntrattur.

## 18.1. Installazzjoni ta' dwal ġodda fi Triq Ta' Taħt l-Irdum u fi Triq Għajn Żejtuna (E/1/3/Vol VI)

18.2. Is-Sindku għarraf li wara t-tlestija tad-*ducts* fil-bankini mill-kuntrattur Central Asphalt Ltd, kien inbeda t-twaħħil tal-arbli u t-tqegħid tal-*cabling* u l-*fittings* meħtieġa mill-kuntrattur The Light Housekeeper.

18.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

**19.1. Proġett LEAP! (A/8/3)**

19.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-proġett imsemmi li ġie mniedi mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali. Huwa għarraf li fl-20 ta' Novembru 2014 ser issir żjara minn *social worker* fil-Qasam Ta' Pennellu bil-għan li l-kordinaturi tal-proġett jiffamiljarizzaw rwieħhom mat-tip ta' problemi soċjali l-aktar komuni li qed jaffaċċjaw. Huwa qal ukoll li fil-5 ta' Diċembru 2014 ser issir laqgħa għall-għaqdiet volontarji tal-Mellieħa bil-għan li jiġi spjegati l-għanijiet tal-proġett, kif ukoll biex tinħatar persuna li tirrappreżenta lill-Mellieħa fir-reġjun tat-tramuntana.

19.3. Is-Sur J. Attard qal li involviment ta' persuna fil-proġett jista' jvarja minn erba' sa tmien xhur u jkun hemm remunerazzjoni ta' €300 fix-xahar, filwaqt li l-għaqdiet mhux governattivi jieħdu €270 fix-xahar bħala kumpens.

19.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**20.1. Presepju ħaj f'Selmun (A/5/3/6/Vol IV)**

20.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-Fondazzjoni ARKEO ser torganizza presepju ħaj fl-irżieżet ta' Selmun bejn is-27 u t-28 ta' Diċembru 2014 mil-10.00am sal-5.00pm. Din ser tingħata l-isem "Il-Grajja f'Selmun" u ser jinġiebu xi bħejjem u jintramaw imwejjed għall-bejgħ ta' xi oġġetti. Huwa ppropona li din l-attivita` tkun tifforma parti mill-attivitajiet li qed jorganizza l-Kunsill għall-Milied u l-ewwel tas-sena.

20.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**21.1. Terminazzjoni ta' kiri ta' raba (A/6/1)**

21.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 1064 ippubblikat fl-10 ta' Ottubru 2014 fejn tħabbar li ser tiġi tterminata l-kiri ta' raba' irreġistrata mid-Dipartiment tal-Artijiet bħala *tenement* 83143. L-art in kwistjoni hija konfinanti minn Triq Tal-Ibraġ, Triq il-Qortin, Triq Selmun u t-triq rurali li tgħati mill-Qortin għal Selmun. Skont l-avviż, din hija meħtieġa għal skop pubbliku. Is-Sur C. Bartolo staqsa dwar x'inhu dan l-iskop pubbliku, peress li mhux magħruf li kien hemm xi applikazzjoni quddiem il-MEPA biex jitwettaq xi proġett.

21.3. Il-Kunsill talab li jinkiseb it-tagħrif mitlub mid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta` tal-Gvern.

**22.1. *Green MT Council Awards* (K/6/10)(K/6/11)**

22.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fil-31 ta' Ottubru 2014 saret preżentazzjoni tal-*Green MT Council Awards*, fejn il-Mellieħa kklassifikat fit-tieni post, wara Ta' Xbiex fl-ammont ta' skart riċiklabbli li jinġabar ras għal ras matul l-2013. Il-Kunsill ta' Tax-Xbiex ġabar 79Kg, filwaqt il-Mellieħa laħqet il-livell ta' 61Kg.

22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru 2014 fis-7.00pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**